MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 89/2003

**Salvu, Mikieli, Nazzarena,
Giuseppa xebbiet aħwa Camilleri;
U b'digriet tal-21 ta' Mejju 2008 ġew kjamati fil-kawża
Mary Xuereb, Carmelo Xuereb, Evelyn Azzopardi,
Joseph Xuerb, Godwin Xuereb, Michael Xuereb,
Anthony Xuereb, Carmelo Xuereb**

**vs**

**Il-Kummissarju tal-Art, u b'digriet tas-16 ta' Mejju 2007
ġie kjamat in kawża Direttur Proġetti u Żvilupp**

**Illum il-Ġimgħa, 14 ta' Diċembru 2012**

Il-Qorti,

Rat iċ-Ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew illi:

Illi l-atturi huma proprjetarji tal-porzjonijiet raba ta' "Kassis", fil-limiti tal-Qala, Għawdex – waħda ta' ċirca tomna, pari għal elf mija u sitta u għoxrin metri kawdri (1126m2) u tmiss mit-tramuntana ma' passaġġ tal-Blata, lvant ma' beni ta' Carmelo u Francesco Theuma u punent ma' beni ta' Salvu Xuereb jew irjeħat verjuri; porzjoni oħra tal-kejl ta' ċirca ħames (5) sigħajn, pari għal disa mija u timienja u tletin metri kwadri (938m2) u tmiss mill-lvant ma' beni ta' Antonio Buttiġieġ, punent ma' beni tal-werrieta ta' Antonio Camilleri u nofsinhar ma' passaġġ u oħra ta' ċirca nofs siegħ (1/2), pari għal tlieta u disgħin metri kwadri (93m2) u tmiss mill-lvant, mill-punent u minn nofsinhar ma' beni tal-avanti kawża ta' Antonio Buttiġieġ, akkwistata in forza ta' kuntratt tad-9 ta' Diċembru 1953 (atti Nutar Francesco Refalo), hawn esebit u mmarkat bħala Dokument "A";

Illi l-art hawn fuq deskritta flimkien ma' porzjonijiet oħra ta' terzi persuni kienu ġew meħuda mill-Gvern ta' Malta għal skopijiet pubbliċi skond id-deposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u dana b'ordni ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-25 ta' April 1970 (avviż numru 309), u sussegwentament b'dikjarazzjoni oħra maħruġa fil-Gazzetta tal-Gvern tal-24 ta' Ottubru 200, l-istess art ġiet dikjarata li m'hijiex aktar bżonjuża għal skopijiet pubbliċi, u għalhekk l-istess art hawn fuq deskritta ġiet rilaxxjata f'idejn l-atturi, kopja tal-istess dikjarazzjoni hija ukoll hawn annessa u mmarkata bħala Dokument "B";

Illi l-istess atturi mhux biss qatt ma kienu ġew ikkumpensati tal-istess espropiazzjoni, imma addirittura l-istess Kummissarju tal-art ma tax lura l-istess art fl-istat li kienet tinsab qabel ma huwa esproprijha u dana peress illi l-porzjon

tal-kejl ta' ċirca ħames (5) sigħajn li timss mill-Ivant ma' beni ta' Antonio Buttiġieġ, punent ma' beni tal-werrieta ta' Antonio Camilleri u nofsinhar ma' passaġġ kienet giet imħamla mill-ħamrija fertili tagħha, twaqqawlha l-ħitan tas-sejjieħ tagħha u kient ġiet imwittija, ġiet kostruwita pit tal-konkrete fejn kienu jiġu imnaddfa t-trukkijiet u l-inġenji l-oħra u b'mod ġenerali l-istess sit kien jintuża bħala post ta' parkeġġ tal-istess trukkijiet u l-inġenji kif ukoll għal skop ta' magażinaġġ mill-kuntrattur li kien inkarigat mill-qtugħ tal-blat għal break water tal-Mġarr, Għawdex;

Illi, għalhekk, l-atturi għandhom kull dritt li jeżiġu li l-istess art tiġi mogħtija lura lilhom fl-istat li kienet qabel ma ġiet esproprijata kif ukoll li jingħataw kumpens mill-konvenut nomine tal-użu li huwa nomine għamel mill-istess art, aktar u aktar meta huma qatt ma kienu ġew imħallsa tal-espropiazzjoni tal-istess art u qatt ma kien ġie ippubblikat il-kuntratt relattiv ta' esproprijazzjoni;

Illi l-istess Kummissarju tal-Art, nonostanti li huwa nomine kien ġie interpellat biex jerġa' jpoġġi l-istess art fl-istess li kienet qabel ma ġiet espropriata fis-sens li, fost affarijiet oħra jerġa' jimlija bil-ħamrija u jibni l-ħitan tas-sejjieħ kif ukoll sabiex jersaq bonarjament għal likwidazzjoni u ħlas ta' kumpens dovut lill-atturi, bħala s-sidien tal-istess raba minħabba l-użu li huwa nomine għamel minnha, dana baqa' inadempjenti.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-istess konvenut, il-Kummissarju tal-Art huwa obbligat, skond il-liġi li jpoġġi l-istess raba hawn fuq deskritta fl-istess prestinu tagħha u dana billi, fost

xogħolijiet oħra, li jerġa' jpoġġi l-ħamrija fiha u jibni l-ħitan tas-sejjieħ;

2. Tiddikjara ukoll illi l-istess konvenut, il-Kummissarju tal-art huwa tenut ukoll li jħallas kumpens lill-atturi tal-użu li huwa nomine għamel mill-istess sit;

3. Tikkundanna għalhekk lill-istess Kummissarju tal-Art sabiex fiż-żmien qasir u perentorju li jiġu lilhu nomine prefiss jagħmel dawk ix-xogħolijiet kollha neċessarji sabiex l-istess art tiġi riprestinata għal li kienet qabel ma ħarġet l-ordni ta' espropriazzjoni hawn fuq deskritta u dana, okkorrendo, bin-nomina ta' perit arkitett li jiġi nominat għal istess fini;

4. F'każ li l-istess żmien jgħaddi inutilment għaliex l-istess atturi m'għandhomx jiġu awtorizzati li jagħmlu l-istess xogħolijiet huma għas-spejjeż tal-istess konvenut nomine u taħt id-direzzjoni tal-istess perit arkitett li jiġi nominat għal istess fini;

5. Tillikwida wkoll il-kumpens dovut lill-istess atturi minħabba l-użu magħmul mill-Gvern ta' Malta mill-istess art u dana, okkorrendo ukoll bin-nomina ta' perit arkitett li jiġi nominat għal fini ta' dina t-talba u tat-tielet talba;

6. Tikkundanna għalhekk lill-istess konvenut nomine li jħallas lill-atturi l-kumpens lilhom hekk dovut u likwidat;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċċjali tas-16 ta' Lulju 2002 u bl-inġunzjoni tal-istess konvenut nomine għas-subizzjoni li għaliha minn issa huwa nomine huwa imħarrek. Bl-imgħaxijiet skond il-liġi.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi debitament maħlufa minn Salvu Camilleri.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenut Kummissarju ta' l-Artijiet li eċċepixxa illi:

1. Illi l-art in kwistjoni ġiet rilaxxata lill-atturi bil-kundizzjoni li huma jaċċettawha tale quale u ma jivvantawx pretensjonijiet ulterjuri fil-konfront ta' l-eċċipjent in konnessjoni magħha;

2. Illi mhix il-*policy* ta' l-eċċipjent li jagħti kumpens għal espropprijazzjonijiet li jkunu saru taħt u allura jkunu sanzjonati minn liġi, bħalma hu il-każ odjern;

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut maħlufa minn Albert Mamo.

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta' Mejju 2007 fejn ġie kjamat fil-kawża id-Direttur tal-Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex.

Rat l-iskrittura tal-ftehim milħuq bejn il-kontendenti fit-12 ta' Lulju 2012, esebita bħala Dok.M a fol. 254 – 256 tal-proċess.

Rat in-Nota tal-kontendenti ta' l-14 ta' Novembru 2012 li permezz tagħha emendaw dan il-ftehim bil-mod indikat fl-istess Nota.

Rat il-verbal tal-kontendenti tat-30 ta' Novembru 2012 fejn talbu sentenza a tenur ta' dan il-ftehim kif emendat.

Rat id-digriet tagħha ta' l-istess ġurnata fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawża tirrigwarda talba mill-atturi sabiex il-konvenuti jirreintegraw l-art tagħhom deskritta fiċ-ċitazzjoni għall-istat li kienet qabel

ma kienet ġiet temporanjament esproprjata għal skopijiet pubbliċi. L-atturi rreklamaw ukoll id-danni għaż-żmien kollu li ġew imċaħħda milli jagħmlu użu minnha.

Permezz ta' skrittura ta' ftehim milħuq bejn il-kontendenti fit-12 ta' Lulju 2012,[1] kif emendat bin-Nota ta' l-14 ta' Novembru 2012 l-partijiet, wara li ppremettew x'kienu talbu l-atturi permezz tal-kawża presenti, ftehmu illi:

"(a) it-tieni parti[2] qegħda tobbliga ruħha li twettaq xogħolijiet fuq l-art murija aħjar fuq il-pjanta annessa flimkien ma' dan il-ftehim bħala Dokument 'D',[3] sabiex l-art tal-ewwel parti tiġi fi stat aħjar milli qegħda fil-preżent. Dawn ix-xogħolijiet għandhom isiru wara li joħorġu l-permessi neċessarji. Id-direttur tal-Proġetti u Żvilupp fil-Ministeu ta' Għawdex jobbliga ruħu li japplika għall-istess permessi tal-MEPA fi zmien xahar mid-data ta' dan il-ftehim u x-xogħolijiet għandhom jibdew fi żmien xahar mill-ħruġ tal-istess permessi u jitkomplew mingħajr waqfien.

(b) l-ispejjeż għal dawn ix-xogħolijiet u għall-ħruġ ta' permessi għandhom jiġu ssoportati bin-nofs mit-tieni parti.

(c) in kambju l-ewwel parti qegħda tirrinunzja għal kwalunkwe pretensjoni ta' kumpens li seta' kien dovut lilha mill-Gvern ta' Malta minħabba l-użu u l-pussess li t-tieni parti setgħet għamlet fuq l-istess art;

(d) It-tieni parti tobbliga ruħha ukoll li tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża hawn fuq imsemmija, fis-sens li dawn għandhom jinqasmu ugwalment bejn it-tieni parti;

[1] Dok.M esebita a fol. 254 -256 tal-process
[2] U cioe' l-konvenut u l-kjamat fil-kawza
[3] A fol. 263 tal-process

(e) it-tieni parti tiddikjara li l-esekuzzjoni ta' dawn ix-xogħolijiet se titwettaq biss taħt il-kundizzjoni li jinżammu integri kwalunkwe servitujiet li terzi persuni setgħu legalment akkwistaw fuq l-art in kwistjoni;

Il-partijiet jiddikjaraw illi salv il-premess huma ma fadlilhom l-ebda indoli jew pretensjoni ta' l-ebda xorta jew natura fil-konfront ta' xulxin.

Dan il-ftehim għandu jiġi nkorporat f'sentenza."

Għalhekk u a bażi ta' dan il-ftehim tiddeċiedi l-kawża billi:

1. Dwar l-ewwel erba' talbiet billi tordna lill-konvenut u lill-kjamat fil-kawża sabiex iwettqu xogħolijiet fuq l-art murija aħjar fuq il-pjanta annessa bħala Dokument 'D'[4] mal-ftehim tal-kontendenti tat-12 ta'Lulju 2012 sabiex l-art ta' l-atturi tiġi fi stat aħjar milli qegħda fil-present. Dawn ix-xogħolijiet għandhom isiru wara li joħorġu l-permessi neċessarji. Il-kjamat fil-kawża Direttur tal-Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru ta' Għawdex għandu japplika għall-istess permessi tal-MEPA fi żmien xahar mid-data ta' din is-sentenza u x-xogħolijiet għandhom jibdew fi żmien xahar mill-ħruġ tal-istess pemessi u jitkomplew mingħajr waqfien;

2. L-ispejjeż għal dawn ix-xogħolijiet u għall-ħruġ ta' permessi għandhom jiġu ssoportati bin-nofs bejn il-konvenut u l-kjamat fil-kawża;

3. In vista tar-rinunzja ta' l-atturi għal kwalunkwe pretensjoni ta' kumpens li seta' kien dovut lilhom mill-Gvern ta' Malta minħabba l-użu u l-pussess li l-konvenut u l-kjamat fil-kawża setgħu għamlu fuq l-istess art, tastjeni

[4] A fol. 263 tal-process

milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ħames u s-sitt talba';

4. Fl-esekuzzjoni ta' dawn ix-xogħolijiet il-konvenut u l-kjamat fil-kawża għandhom jaraw li jwettquhom biss taħt il-kundizzjoni li jinżammu integri kwalunkwe servitujiet li terzi persuni setgħu legalment akkwistaw fuq l-art in kwistjoni.

L-ispejjeż kollha tal-kawża għandhom jiġu ssoportati ugwalment bejn il-konvenut u l-kjamat fil-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------